14 MAR 2023

ĦAŻ-ŻABBAR
Citta` Hompesch

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar

## IT-TMINN LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 576**

**It-Tnejn 6 ta' Frar 2023**

Il-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar iltaqa' b'mod virtwali permezz ta' *Microsoft Teams*, fis-6.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Jorge Grech - Sindku
Bernice Farrugia - Viċi Sindku
Mark Grech - Kunsillier
Joseph Buttigieg - Kunsillier
Ghislaine Bongailas - Kunsilliera
Angelo Scicluna - Kunsillier
Joseph Vella – Kunsillier
Angel Gwyn Louisielle Camilleri - Kunsilliera
Anna Calleja - Kunsilliera
Joseph Agius - Kunsillier
Patrick Barbara - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI**

Ma kienx hemm ittri b'apoloġiji.

**ASSENTI**

Ma kien hemm ħadd assenti.

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Stephanie Testaferrata de Noto – Segretarju Eżekuttiv

**MINUTI**

Is-Sindku ppresieda l-laqgħa.

**576.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

576.1.1 Ma kienx hemm ittri t'apoloġija.

**576.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti**

576.2.1 Il-minuti tal-575 laqgħa ġew unanimament approvati fuq proposta tas-Sinjura Anna Calleja li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius.

**576.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

576.3.1 Is-Sindku informa lill-membri preżenti illi kienu għaddejjin diversi diskussjonijiet ma' Infrastruttura Malta dwar il-ħsara li kienet saret fil-*cable* tad-dawl mill-kuntrattur responsabbli għax-xogħlijiet infrastrutturali fi Triq tal-Labour. Is-Sindku spjega li Infrastruttura Malta kienu qed jgħidu li l-*cable* tad-dawl ma kienx mgħoddi minn ġewwa *sleeve* tal-katusi iżda kien mirdum fil-konkos, filwaqt li l-kuntrattur responsabbli mix-xogħlijiet tad-dawl fit-toroq tal-lokalità kien informa lill-Kunsill illi l-*cable* kien mgħoddi minn ġewwa s-*sleeve*. Is-Sur Joseph Buttigieg qal illi minn fejn tqaċċat il-*cable* tad-dawl kien hemm il-katusi għaddejjin. Is-Sindku spjega li wara pressjoni mill-Kunsill Lokali, Infrastruttura Malta kienu talbu stima tal-ħsara li saret. Is-Sindku żied jgħid li l-kuntrattur responsabbli mix-xogħlijiet tad-dawl fit-toroq tal-lokalità kien ipprovda stima li tammonta għal €9,575.90. Is-Sindku qal ukoll li waqt laqgħa ma' nies tekniċi ta' Infrastruttura Malta ġiet diskussa l-possibilità li x-xogħol isir mill-kuntrattur tal-Kunsill u Infrastruttura Malta tirrifondi lura l-ispiża. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri preżenti li l-Kunsill ma kellu xejn bil-miktub dwar dan il-ftehim. Is-Sindku qal illi fi Triq Alessio Erardi wkoll kien hemm każ simili u kien hemm numru ta' lampi ma jixgħelux. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet illi l-istess kien ġara fi Triq is-Santwarju n-naħa ta' Misraħ San Nikola. Is-Sur Joseph Agius staqsa jekk kienx hemm garanzija li Infrastruttura Malta kienu ser jirrifondu din l-ispiża peress illi s-soltu l-affarijiet ma jsirux b'dan il-mod. Is-Sindku qal illi l-ftehiem kien ser isir bil-miktub.

576.3.2 Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li matul il-ġimgħat li ġejjin ser isiru l-marki tal-karreġġjata f'Misraħ tal-Madonna Medjatriċi. Is-Sindku qal illi matul ix-xahar ta' Frar mistenni jitlesta x-xogħol ta' tarmak li kien qed isir fi Triq tal-Labour. Is-Sinjura Anna Calleja talbet li l-Kunsill itella' avviżi fuq il-midja soċjali dwar id-devjazzjonijiet li jkunu qed isiru.

576.3.3 Is-Sindku qal illi kienu bdew il-preparamenti sabiex jibdew ix-xogħlijiet infrastrutturali fi Triq il-Kunsill tal-Ewropa. Is-Sindku żied jgħid li ġew installati *bollards* tal-plastik fin-nofs tal-karreġġjata tan-naħa ta' Park San Klement. Dan sar biex il-karreġġjata tkun tista' tintuża fiż-żewġ direzzjonijiet sakemm ikun qed isir ix-xogħol infrastrutturali fil-karreġġjata li hemm man-naħa tal-għelieqi.

576.3.4 Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li fil-futur viċin mistenni jibda x-xogħol infrastrutturali fi Triq Bormla mill-Gvern Ċentrali u żied jgħid li flimkien ma' Infrastruttura Malta kien qed jiddiskuti l-problema li hemm fi Triq il-Kbira minħabba li l-ispralli tal-ilma tax-xita kienu qed jiġġarfu. Is-Sindku spjega li Infrastruttura Malta kienet talbet lill-Kunsill ineħħi l-parkeġġ li hemm faċċata tal-ispralli tal-ilma tax-xita u biex ipoġġi barrikati sabiex il-vetturi ma jgħaddux minn fuq l-ispralli. Is-Sindku żied jgħid li wara li jingħata t-tarmak, il-parkeġġ ser jinqaleb fuq in-naħa opposta. Is-Sindku żied jgħid li huwa ġie nfurmat li l-kanali tal-ilma tax-xita ma jistgħux jiġu spustjati minn fejn qegħdin minħabba li man-naħa l-oħra tat-triq kienu għaddejin diversi servizzi. Is-Sindku qal illi il-Kunsill diġa għandu l-permessi meħtieġa ta' Transport Malta sabiex jaqleb il-parkeġġi ma' n-naħa l-oħra tat-triq.

576.3.5 Is-Sindku tkellem dwar l-attività tal-Karnival u qal illi ma kienx possibli li jiġi organizzat il-karnival spontanju minħabba li kien ser ikun hemm diversi kompetizzjonijiet għaddejjin fil-Belt Valletta u f'lokalitajiet oħra. Barra minn hekk, żied jgħid li l-programm tal-karnival kien ser isir fl-ex venda fi Triq is-Santwarju minflok fi Triq Ġużeppi Pace. Dan peress illi l-kumpanija taż-żfin kienu nfurmawh li ma kienx possibli għalihom li jiżfnu taħt it-tinda fi Triq Ġużeppi Pace. Minħabba li l-karnival spontanju ma kienx ser jiġi organizzat, is-Sindku qal li parti minn nefqa li kienet allokata għal din l-attività għandha tiġi trasferita u tintuża biex jiġi ffinanzjat karru ieħor tal-karnival u aktar maskri grotteski. Is-Sur Joseph Buttigieg staqsa kemm kienet ser tkun in-nefqa totali ta' din l-attività. Is-Sur Angelo Scicluna staqsa jekk l-għaqdiet lokali kienux ser jieħdu sehem matul l-attività tal-karnival. Is-Sindku wieġeb fin-negattiv minħabba li kien hemm żieda fl-attivitajiet fil-lokalità.

576.3.6 Is-Sur Joseph Vella daħal għal-laqgħa fis-18.45 ta' filgħaxija.

576.3.7 Is-Sindku qal illi l-ispiża ser tammonta madwar €3,000 u ser tkun imqassma kif ġej: il-programm tal-karnival - €2,780, *reflectors* tad-dawl - €170 u servizz tal-pulizija - €204.49. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li jorganizza l-attività tal-karnival.

576.3.8 Is-Sindku qal illi l-ħadid mad-dawra tal-monument tal-Bamboċċu fi Ġnien il-Kunsill kien ġie ordnat u kien qed jinħadem. Is-Sindku żied jgħid li fil-jiem li ġejjin mistenni jinqalgħu l-istrutturi li hemm fi Ġnien il-Mistrieħ u li l-bandli kien qed jingħalaq bix-xibka sabiex ħadd ma jidħol.

**576.4Approvazzjoni tal-minuti tas-Sotto Kumitat**

576.4.1 Ma kienx hemm minuti tas-Sotto Kumitat.

**576.5 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

576.5.1 Fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill approva unanimament l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn l-10 ta' Jannar 2023 u s-6 ta' Frar 2023 li kienet tammonta għal €172,414.06.

**576.6 Deċiżjoni dwar il-kuntratti**

- Kuntratt għall-manutenzjoni ta' toroq u xogħlijiet maġġuri ta' traqqiegħ li jagħtu aċċess u aċċess biss f'Ħaż-Żabbar - Kuntratt ZLC 6/2019

576.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill illi l-kuntratt għall-manutenzjoni ta' toroq u xogħlijiet maġġuri ta' traqqiegħ li jagħtu aċċess u aċċess biss f'Ħaż-Żabbar - Kuntratt (ZLC 6/2019) li l-Kunsill għandu ma' *S Spagnol Construction Limited*, kien ser jiskadi fis-26 t' April, 2023 u billi dan il-kuntratt ma jistax jiġi mġedded trid tinħareġ sejħa ġdida għall-offerti għal dan is-servizz. Fuq proposta tal-Viċi Sindku li ġiet issekondata mis-Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li tinħareġ sejħa ġdida għall-offerti.

576.6.2 Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li jinħatar Kumitat ta' Evalwazzjoni tal-Offerti għall-manutenzjoni ta' toroq u xogħlijiet maġġuri ta' traqqiegħ li jagħtu aċċess u aċċess biss f'Ħaż-Żabbar u li dan il-kumitat għandu jkun kompost mis-Sindku bħala *Chairperson*, mis-Segretarju Eżekuttiv, mill-Perit Alistaire Avallone, mis-Sur Marco Cassar u mis-Sur Brian Farrugia.

**576.7 Xogħlijiet u Proġetti**

576.7.1 Is-Sindku qal illi kien qed isir xogħol ta' kostruzzjoni tal-bankina li hemm biswit il-latrina fi Triq iċ-Ċawsli permezz tal-ħaddiema tar-Reġjun. Is-Sindku ppropona proġett ta' titjib urban. Dan jinvolvi bankina bil-pavimentar pariġġ bħalma sar fl-ex venda u tibdil tal-ħadid ornamentali li hemm mad-dawra tas-*soft area.* Is-Sindku spjega li din l-istruttura tal-ħadid għandha ssir bi grada sabiex ikun hemm aċċess għas-*soft area*. It-tisbiħ tas-*soft* area ser isir permezz ta' tqegħid ta' xibka ħadra, żrar u *mulch*, tħawwil ta' tliet siġar tal-palm u installazzjoni ta' bankijiet ġodda u installazzjoni ta' tliet fanali ornamentali ġodda. Is-Sindku qal illi l-ispiża totali ta' dan il-proġett ta' tisbiħ mistennija tkun €21,000. Is-Sindku żied jgħid li dan il-proġett kien ser jikkumplimenta max-xogħol kollu li sar tal-*Urban Greening* li hemm fl-ex venda. Is-Sindku żied jgħid li kienet ser tiġi rranġata wkoll il-latrina pubblika permezz tal-*Planning Fund.* Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri preżenti li bħalissa kienet qed tiġi ppreparata s-sejħa għall-offerti sabiex isir xogħol ta' titjib fil-latrina pubblika u li l-perit tal-Kunsill kien qed iħejji d-dokumenti neċessarji sabiex l-ispiża tal-latrina tiġi ffinanzjata permezz tal-*Planning Funds*. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mill-Kaptan Patrick Barbara, il-Kunsill qabel unanimament li jsir proġett ta' tisbiħ fi Triq iċ-Ċawsli, u li l-ispiża tammonta għal €21,000.

576.7.2 Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li kien beda x-xogħol sabiex issir *zebra crossing* fil-viċinanzi tal-grawnd tas-St Patrick. Is-Sindku qal illi f'dan il-proġett kien hemm inkluż kostruzzjoni ta' bankina ġdida kif ukoll manutenzjoni tal-bankina eżistenti minħabba li kienet perikoluża għall-*pedestrians*. Is-Sindku semma l-ħtieġa li tiġi rranġata l-bankina li hemm fil-viċinanzi ta' Bieb is-Sultan. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri preżenti li dik il-bankina ma kinitx taqa' taħt ir-responsabbiltà tal-Kunsill. Is-Sindku ppropona li jsir xogħol ta' manutenzjoni tal-ħajt tas-*soft area* li hemm fil-viċinanzi tal-grawnd tas-*St Patrick* kif ukoll sabiex jitħawlu s-siġar. Il-Viċi Sindku tkellmet dwar it-tħawwil ta' siġar u palm u talbet lill-Kunsill jiċċekkja x'tip ta' palm kien ser jitħawwel sabiex ma jitħawwlux siġar jew palm aljen. Il-Viċi Sindku qalet li kien hemm diversi tipi ta' palm u ssuġġeriet li jitħawwlu siġar li jkunu indiġini. Is-Sindku qal illi l-palm li ser jitħawwel kien palm li jagħmel frott tat-tamal. Is-Sur Joseph Buttigieg issekonda l-proposta tas-Sindku u l-Kunsill qabel unanimament.

576.7.3 Is-Sindku ppropona li jiġi rranġat iċ-ċint tas-*soft area* li hemm fi Triq l-Għakrux kantuniera ma' Triq in-Naħla u tisbiħ tas-*soft area* permezz ta' tqegħid ta' xibka ħadra, żrar u *mulch*. Is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni tal-membri għall-fatt li l-Kunsill diġà għandu kuntratt relatat maż-żamma u l-manutenzjoni tas-*soft areas* u qalet li l-Kunsill irid jiżgura li din il-proposta ma tagħmilhiex impossibbli għall-kuntrattur li jwettaq l-obbligi skont il-kuntratt eżistenti. Il-Kaptan Patrick Barbara ssekonda l-proposta tas-Sindku u l-Kunsill qabel unanimament ma' din il-proposta.

576.7.4 Is-Sindku qal illi fi Triq l-Aħħar Ħbit mit-Torok faċċata tal-mitħna inħolqot *soft area* u ppropona li jitħawlu erba' siġriet u li fiha jitpoġġa wkoll netting, żrar u *mulch*. Barra minn hekk is-Sindku talab li jitħawlu siġar taċ-ċikas mdawwar bil-*mulch* man-naħa l-oħra tat-triq fil-viċinanzi ta' fejn kienet il-funderija tal-ħadid. Il-Kaptan Patrick Barbara ssekonda l-proposta tas-Sindku u l-Kunsill qabel unanimament ma' din il-proposta.

576.7.5 Is-Sindku ppropona li titħawel siġra taż-żebbuġ f'waħda mill-*planters* li hemm mal-monument tal-Gwerra f'Misraħ tal-Madonna Medjatriċi. Is-Sur Joseph Buttigieg staqsa jekk l-għeruq ta' din is-siġra kienx ser jagħmel ħsara fil-pedamenti tat-triq. Is-Sindku wieġeb fin-negattiv. Il-Kaptan Patrick Barbara ssekonda l-proposta tas-Sindku u l-Kunsill qabel unanimament.

576.7.6 Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li waqt laqgħa li kellu mal-kumitat tas-*St Patrick FC* u mas-Sur Angelo Scicluna, ġiet diskussa l-possibilità li l-Kunsill jixtri sitt biċċiet tagħmir tal-*gym 2nd hand* għall-prezz ta' €1,500. Is-Sindku ppropona li l-Kunsill jixtri t-tagħmir tal-*gym - 2nd hand* mingħand is-*St Patrick FC* u jwaħħalhom fl-ispazju miftuħ li hemm fuq wara tal-ħwienet fi Triq il-Fraxxnu. Is-Sindku qal illi l-Kunsill huwa kommess li jippromwovi stil ta' ħajja b'saħħitha fost ir-residenti taż-żona, u jemmen li l-installazzjoni ta' dan it-tagħmir tal-*gym* se tkun żieda pożittiva għall-komunità. Barra minn hekk, is-Sindku ppropona wkoll li tiġi rranġata l-art tal-konkos sabiex ikunu jistgħu jitwaħħlu dawn l-istrutturi, l-isqaqien

li hemm fil-madwar u li jitwaħħlu bankijiet u fanali ġodda. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri preżenti li l-Kunsill irid iġib il-permessi neċessarji sabiex jitwaħħal dan l-apparat. Is-Sur Angelo Scicluna ssekonda l-proposti tas-Sindku u l-Kunsill qabel unanimament.

576.7.7 Is-Sindku qal illi fi Triq iċ-Ċikas kien hemm *planters* tas-siġar vojta. Huwa qal illi kienet ser tiġi rranġata l-bankina u li minflok *planters* kienu ser jitpoġġew siġar fil-*pots*. Is-Sur Angelo Scicluna ssekonda l-proposti tas-Sindku u l-Kunsill qabel unanimament.

576.7.8 Is-Sindku ppropona li jsir tisbiħ fis-*soft area* li hemm fi Triq ix-Xgħajra faċċata ta' Triq tal-Ħofra billi jsir netting, żrar u *mulch*. Is-Sindku żied jgħid li kien hemm siġra mejta f'din is-*soft area* u li kienet ser titneħħa. Is-Sinjura Anna Calleja talbet li l-knis isir aktar ta' spiss minħabba li s-siġra tal-fikus li hemm f'din is-*soft area* kienet qed twaqqa' ħafna weraq. Is-Sindku talab li jsir *landscaping* fit-*traffic island* li hemm fi Triq ix-Xgħajra qabel tinżel għal Triq l-Għakrux u fit-*traffic island* li hemm fil-viċinanzi tad-dolċerija. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li jagħmel tisbiħ tas-*soft areas*.

**576.8 Ittri legali**

576.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv tkellmet dwar l-ittra legali li kienet intbgħatet lil sid il-vettura IGV507 relatata ma' talba għall-ħlas mill-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri preżenti li sid il-vettura IGV507 kien qed jikkontesta l-pożizzjoni tal-Kunsill permezz ta' ittra legali u kien qed jitlob li l-Kunsill jaċċetta r-responsabbiltà għall-inċident li allegatament seħħ fi Triq Wied il-Għajn u jħallas is-somma ta' €839.39 għall-ħsarat li għamel fil-vettura tiegħu. Fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li ma jaċċettax responsabbiltà ta' dan l-allegat inċident u li jibgħat ittra legali minħabba li f'din it-triq kienu qed isiru x-xogħlijiet minn Infrastruttura Malta.

576.8.2 Is-Segretarju Eżekuttiv tkellmet dwar inċident li allegatament seħħ fuq vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni LDL227 wara li sid il-vettura sab siġra mitluqa fuq il-vettura tiegħu fi Triq iċ-Ċawsli. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri preżenti li l-kumpanija tal-assigurazzjoni kienet bgħatet ittra legali sabiex il-Kunsill iħallas is-somma ta' €1,532.77 għall-ħsarat li ġarrbet il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni LDL227. Fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li ma jaċċettax responsabbiltà ta' dan l-allegat inċident u li tintbgħat ittra legali bħala risposta.

**576.9 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

576.9.1 Is-Sur Mark Grech irringrazzja lill-Kunsill tal-Onorifiċenza li ngħatat lill-mibki Raymond Gialanzè.

576.9.2 Is-Sur Joseph Buttigieg qal illi l-kuntrattur responsabbli mix-xogħlijiet li saru f' Misraħ tal-Madonna Medjatriċi kien għadu ma rranġax it-tarġa tal-irħam li kien kisser. Is-Sindku nfurmah li t-tarġa kienet ġiet ordnata mill-kuntrattur.

576.9.3 Is-Sur Joseph Buttigieg talab li l-*bollards* li ser jitwaħħlu f'Misraħ tal-Madonna Medjatriċi kantuniera ma' Triq tal-Labour ikunu *heavy duty*.

576.9.4 Is-Sur Joseph Buttigieg talab li jerġgħu jitwaħħlu d-*dustbins* li kien hemm fi Triq tal-Labour. Is-Sur Buttigieg qal illi kien hemm *bin* tal-klieb mitluq fl-art viċin il-ħanut li jbiegħ il-prodotti tal-ħasil.

576.9.5 Is-Sur Joseph Buttigieg tkellem dwar l-attività li kien organizza għall-anzjani u qal li din kienet ta' suċċess.

576.9.6 Is-Sur Joseph Buttigieg talab li tiġi rranġata r-rampa taż-*zebra crossing* li hemm f' Misraħ tal-Madonna Medjatriċi man-naħa tal-Knisja Arċipretali u Santwarju tal-Madonna tal-Grazzja minħabba li l-persuni li jagħmlu użu mis-siġġu tar-roti kienu qed isibu diffikultà biex jużaw din ir-rampa. Is-Sindku qal illi din ir-rampa kienet ser tiġi rranġata.

576.9.7 Is-Sinjura Anna Calleja qalet li Triq il-Kaħwiela, Triq l-Għadiba u ż-żona tal-madwar kienu ilhom mingħajr dawl fit-triq għal madwar tliet ġimgħat.

576.9.8 Is-Sinjura Anna Calleja rreferiet għall-proġett *Euribor* immirat għal nisa żgħażagħ vulnerabbli u talbet lill-Kunsill sabiex jippubblika l-proġett fuq il-midja soċjali tal-Kunsill. Is-Sindku staqsa jekk din l-entità hix privata jew le minħabba li l-Kunsill ma jirreklamax avviżi ta' entitajiet privati.

576.9.9 Is-Sinjura Anna Calleja staqsiet meta kien ser isir il-*launching* tal-proġett għal nies neqsin mis-smigħ. Is-Sindku qal illi kien hemm il-ħsieb li l-varar ta' dan il-proġett isir fl-aħħar ta' Frar.

576.9.10 Is-Sur Angelo Scicluna ressaq talba li kien irċieva mingħand ir-resident li joqgħod fi Triq Villabate biex tidjieq il-bankina sabiex jinħolqu spazji ta' parkeġġ. Is-Sindku wieġeb li dan ma kienx fattibbli minħabba li fejn qed jitlob is-Sur Scicluna l-bankina kienet tinsab fil-kurvatura, u jekk jipparkjaw il-vetturi tonqos il-viżibilità għas-sewwieqa, li potenzjalment tista' tikkawża perikli ta' sikurezza. Is-Sindku żied jgħid li Triq Villabate ma taqax taħt ir-responsabbiltà tal-Kunsill u li meta ressaq din it-talba lil Transport Malta, huma kienu oġġezzjonaw. Is-Sur Scicluna qal li r-resident li ressaq din it-talba kien infurmah li Transport Malta qalulu li l-bankina kienet fir-responsabbiltà tal-Kunsill.

576.9.11 Is-Sur Joseph Agius qal illi fi Triq is-Santwarju kien hemm madwar għaxar (10) arbli ornamentali viċin xulxin mitfija. Is-Sur Agius qal li l-kuntrattur responsabbli kien infurmah li wisq probabbli kien hemm is-salvavita mitfija. Is-Sindku qal illi kien hemm xi ħsara.

576.9.12 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri preżenti li l-Kunsill kien obbligat li jippreżenta l-istqarrijiet finanzjari 2022 sal-24 ta' Frar, 2023. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-*accountant* tal-Kunsill kienet għadha qed tipprepara d-dokumenti meħtieġa u talbet l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex il-laqgħa b'urġenza biex jiġu approvati l-istqarrijiet finanzjari 2022 issir matul il-ħinijiet ta' filgħodu. Fuq proposta tas-Sur Angelo Scicluna li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li f'każ li tissejjaħ laqgħa b'urġenza biex jiġu approvati l-istqarrijiet finanzjarji 2022, din għandha issir matul il-ħinijiet ta' filgħodu.

576.9.13 Is-Sindku qal illi kien hemm il-ħsieb li jiġi organizzat *team building event* fil-25 ta' Frar fi Sqallija. Is-Sindku staqsa jekk il-Kunsill kienx jaqbel li dan l-*event* għandu jiġi organizzat fi Sqallija. Is-Sur Angelo Scicluna qal illi dan l-avveniment għandu jsir Malta. Is-Sindku staqsa min kienu l-membri li jkunu nteressati li jattendu din l-attività jekk din kellha ssir f'Malta. Il-membri preżenti esprimew interess li jattendu l-avveniment. Is-Sur Joseph Vella qal illi huwa kien interessat imur Sqallija f'każ li din l-attività tiġi organizzata matul il-ġurnata tas-Sibt. Il-Viċi Sindku, is-Sur Joseph Buttigieg, il-Kaptan Patrick Barbara u s-Sur Angelo Scicluna qalu li ma setgħux jattendu fil-25 ta' Frar. Minħabba li kien hemm diversi opinjonijiet differenti, is-Sindku qal illi dan l-avveniment għandu jsir Malta u jsir programm differenti. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li l-uffiċċju tal-Kunsill ma jiftaħx fil-25 ta' Frar f'każ li l-*istaff* ikun ser jorganizza ġurnata fi Sqallija.

576.9.14 Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li l-Kunsill ġie nfurmat li waħda mill-attivitajiet tal-ftuh tal-logħob tal-pajjiżi ż-żgħar li ser jiġu organizzati madwar Malta, kienet ser tiġi organizzata f'Ħaż-Żabbar. Is-Sindku spjega li l-Kunsill ġie mitlub jorganizza attività sportiva u qal li din l-attività ser tkun iffinanzjata mid-Direttorat u minn Sports Malta.

## 576.10 Mozzjonijiet

576.10.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet bil-miktub.

## 576.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

576.11.1 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Angelo Scicluna, il-Kunsill qabel unanimament li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn 13 ta' Marzu, 2023 fis-6.00 ta' filgħaxija.

576.11.2 Il-laqgħa spiċċat fit-8.10 ta' filgħaxija.

IFFIRMATA

Stephanie Testaferrata de Noto
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fil-578 laqgħa li saret nhar it-Tnejn 13 ta' Marzu, 2023.

IFFIRMATA

Jorge Grech
Sindku